Il-Kwadru tas-Sagra Familja

fil-Knisja tas-Sorijiet tal-Ursolini f'Tas-Sliema

Hosè Borg

Dilettant tal-festi Maltin u Għawdxin u ilu għal din l-aħħar sena membru fis-Soċjetà Mużikali San Girgor f'Tas-Sliema. Kollettur tal-kotba tal-festi. Bħalissa jinsab qed isegwi kors ta' studju ġewwa l-*Higher Secondary*, bl-għan li jkompli bħala għalliem tal-Malti jew tal-Istorja.

Dan il-kwadru tas-Sagra Familja jinsab fil-Knisja tas-Sorijiet tal-Ursolini f'Tas-Sliema u l-Knisja tinsab fil-limiti tal-Parroċċa ta' San Girgor il-Kbir.

Il-kwadru huwa xogħol imprezzabli tal-pittur magħruf Ġużeppi Calì li pitter bosta opri sbieħ tal-arti sagra fil-knejjes tagħna, fosthom it-titular ta' San Ġużepp ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara.

Fih naraw lis-Sagra Familja akkumpanjata mid-dehra tal-anglu Gabriel warajhom, bil-ġilju f'idejh x-xellugija, simbolu tas-safà middnub, filwaqt li f'idu l-leminija naraw lampa mixgħula bix-xemgħa, bid-dawl li jfisser simbolu ta' ferħ. Quddiem l-anġlu mbagħad naraw lis-Sagra Familja, bil-Madonna, Omm Ġesù, narawha b'idha x-xellugija fuq qalbha, simbolu li hija l-Immakulata Kunċizzjoni, filwaqt li fl-id l-oħra qed iżżomm id il-Bambin. Il-Madonna narawha liebsa bħalma aħna mdorrijin narawha fl-istatwi tal-purċissjonijiet tad-Duluri, jiġifieri bil-libsa vjola u bil-mant blu.

Il-Bambin, filwaqt li qiegħed iżomm id il-Madonna, bl-id l-oħra fuq qalbu qiegħed iħares lejn s-sema u fl-istess ħin nistħajluh iħares lejn Missieru, il-Missier Etern. Dwar il-libsa tal-Bambin ta' min isemmi li l-istil ta' Calì ħafna drabi kien dejjem jġib lill-Bambin impitter bil-libsa ħamra li huwa stil interessanti għax f'kwadri ta' bosta artisti oħra magħrufin ma jpinġuhx bil-libsa ħamra. Ħdejn il-Bambin naraw lill-missier putattiv ta' Ġesù, lil San Ġużepp, iżomm lill-Bambin, u bil-ġilju f'idejh, li bħalma ġà għidt qabel jissimbolizza s-safà mid-dnub. Ta' min jinnota wkoll illi San Ġużepp l-ilbies tiegħu f'dan l-kwadru jixbah ħafna l-istess ilbies li jinsab liebes fil-kwadru tal-Parroċċa tal-Kalkara, bil-libsa vjola u bil-mant kannella.

Ta' min isemmi wkoll l-ambjent trankwill li qegħdin fih il-Familja Mqaddsa fejn qegħdin fuq il-ħamrija. Ninnutaw ukoll s-sbuħija tal-gwarniċun tal-kwadru, flimkien mal-kolonni bil-kapitelli u bil-balavostri n-naħa t'isfel, kif ukoll l-iskultura bil-fjuri u ċ-ċfuf biż-żigarelli taħt il-kwadru, kollha ndurati biddeheb, li għalkemm sempliċi jolqtu l-għajn fl-istess ħin.

Huwa kwadru sabiħ immens li għalkemm sempliċi u mhux b'ħafna elaborazzjoni, ikompli jsebbaħ lil din il-knisja ħelwa u ta' preġju, iżda fuq kollox kwadru mill-iprem, minn artist magħruf fost bosta artisti oħra magħrufin, kemm Maltin u barranin.